MFSA MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**Stqarrija**

6 ta' Settembru 2019

# L-MFSA tippubblika l-Pjan Strateġiku tagħha 2019-2021

- Il-Pjan Strateġiku ġdid jindika r-*roadmap* biex tissaħħaħ l-MFSA u jwitti t-triq għall-ġenerazzjoni li jmiss tas-servizzi finanzjarji
- Il-Pjan hu riżultat ta' konsultazzjoni mal-entitajiet liċenzjati, esperti internazzjonali u rakkomandazzjonijiet minn istituzzjonijiet internazzjonali u entitajiet li jistabbilixxu l-istandards, fosthom l-EBA, l-IMF, il-Moneyval, il-Kummissjoni Ewropea u l-BĊE.
- Identifikati numru ta' miżuri li jmorru lil hinn mis-setturi differenti, kif ukoll inizzjattivi li jindirizzaw l-isfidi regolatorji tas-setturi speċifiċi

L-MFSA ppubblikat il-Pjan Strateġiku tagħha għal tliet snin, bejn l-2019 u l-2021, u li fih ġew indikati l-prioritajiet superviżorji u l-oqsma ewlenin ta' ħidma li se jkunu indirizzati, bl-għan li tilħaq il-Viżjoni ambizzjuża li għandha għall-2021. Dan il-Pjan tħejja fil-kuntest tal-isfidi li joffru s-swieq finanzjarji lokali u internazzjonali, bħad-disponibbiltà ta' riżorsi umani u riskji ġodda mill-innovazzjoni finanzjarja u t-teknoloġija. Il-Pjan Strateġiku jikkunsidra l-iżviluppi regolatorji internazzjonali u każijiet ta' kondotta ħażina kemm fuq livell lokali, u kif ukoll dak globali, li ħallew impatt negattiv fuq il-fiduċja fis-suq tas-servizzi finanzjarji madwar id-dinja.

B'enfasi fuq l-importanza ta' aċċessibbiltà, trasparenza u kontabilità, il-pubblikazzjoni tal-Pjan Strateġiku ssegwi proċess ta' konsultazzjoni mal-entitajiet liċenzjati, permezz ta' stħarriġ li sar f'Marzu 2019. Permezz ta' dan l-istħarriġ, l-entitajiet liċenzjati ngħataw l-opportunità li jagħtu l-opinjoni tagħhom fuq il-prestazzjoni tal-Awtorità u l-kummenti tagħhom fuq l-isfidi u l-oqsma strateġiċi li għandhom jiġu indirizzati. B'din ir-*roadmap* qed tilqa' wkoll ir-rakkomandazzjonijiet imwettqa minn istituzzjonijiet internazzjonali u entitajiet oħra li jistabbilixxu l-istandards, fosthom il-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), MONEYVAL, aġenziji tar-ratings, il-Kummissjoni Ewropea, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew.

Sadanittat, l-Awtorità qed taħdem fuq Business Plan ta' ħames snin li se jġib miegħu riforma fil-mudell ta' finanzjament tal-MFSA. Dan jinkludi l-introduzzjoni ta' miżati anċillari ġodda li jkopru servizzi li bħalissa huma mogħtija b'xejn, kif ukoll reviżjoni fil-miżati ta' awtorizzazzjoni u superviżjoni bl-għan li l-mudell il-ġdid ta' dħul jirrifletti l-ispiża reali ta' superviżjoni, skont il-profil tar-riskju/valutazzjoni ta' kull settur superviżjonat mill-MFSA. Aktar minn hekk, il-Business Plan il-ġdid se jwassal biex l-MFSA tkun tista' tiffinanzja lilha nfisha mill-2024 'il quddiem, skont il-mudell finanzjarju ta' regolaturi Ewropej oħra.

Barra min-numru ta' prioritajiet speċifiċi li jikkunsidraw il-firxa ta' entitajiet differenti regolati mil-MFSA, il-Pjan Strateġiku jibni fuq il-pilastri ewlenin tal-qafas strateġiku tal-MFSA u jidentifika numru ta' prijoritajiet li jmorru lil hinn mis-setturi differenti. Dawn għandhom l-għan li jilqgħu l-iżviluppi innovattivi u teknoloġiċi u jsaħħu l-effiċjenza tal-funzjonijiet ewlenin tal-MFSA. Dawn il-prioritajiet għandhom l-għan li:

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155
communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt

- Isaħħu l-governanza, il-kultura u l-kondotta fis-suq tas-servizzi finanzjarji;
- Iġeddu l-impenn tal-Awtorità biex tipprevjeni, tagħraf u tindirizza istanzi ta' ħasil ta' flus, kriminalità finanzjarja u l-finanzjament tat-terroriżmu; l-MFSA se tkun qed twettaq reviżjonijiet tematiċi fuq riskji speċifiċi għal setturi partikolari, u tipprovdi lill-entitajiet miżuri ta' prattika tajba;
- Iħarsu l-istabbilità u s-sostenibbiltà tas-suq tas-servizzi finanzjarji kontra riskji preżenti u emerġenti; funzjoni ġdida tal-Istabbilità Finanzjarja se titwaqqaf fl-Awtorità, b'investiment f'oqsma bħal Business Intelligence, Knowledge management, miżuri ta' sigurtà elettronika u għodda analatiċi ġodda;
- Jilqgħu l-isfidi u l-opportunitajiet li jinħolqu mit-teknoloġija u l-innovazzjoni biex insaħħu l-ħila superviżorja tagħna u nkattru t-tkabbir u l-istabbilità tas-suq finanzjarju. L-MFSA se tkun qed tinvesti 12-il miljun ewro fl-iżvilupp teknoloġiku fit-tliet snin li ġejjin;
- Iżidu l-kapaċità organizzattiva u l-effiċjenza fl-operazzjonijiet tal-MFSA filwaqt li jittieħdu inizjattivi biex jiġu indirizzati nuqqasijiet fis-suq lokali tax-xogħol;
- Isaħħu l-qafas superviżorju tal-kondotta billi niffukkaw fuq l-edukazzjoni tal-konsumatur u l-għarfien meħtieġ biex niżguraw il-ħarsien tal-konsumaturi.

F'kumment dwar it-tnedija tal-Pjan Strateġiku, il-Kap Eżekuttiv tal-MFSA, Joseph Cuschieri, spjega li: "Il-Pjan Strateġiku tagħna hu ffukat fuq it-tisħiħ tal-MFSA biex inħejjuha għall-ġenerazzjoni li jmiss tas-servizzi finanzjarji. Din ir-*roadmap* tiddefinixxi l-programmi u l-azzjonijiet speċifiċi li se nieħdu biex nilħqu l-għan tagħna, b'investiment sostanzjali fir-riżorsi umani, fil-ħiliet tagħna u fl-aqwa teknoloġija. Dan jirrifletti l-impenn tagħna biex noffru ambjent aktar sigur, dinamiku u effiċjenti għall-benefiċċju tal-konsumaturi u l-entitajiet regolati."

## DWAR L-MFSA

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) hija r-regolatur uniku tas-servizzi finanzjarji f'Malta, li tkopri banek, kumpaniji ta' assigurazzjoni, servizzi ta' investiment, trusts u pensjoniiet. Mis-sena li għaddiet, l-MFSA saret l-ewwel regolatur Ewropew li żviluppa qafas li jirregola l-assi finanzjarji virtwali. Il-missjoni tal-MFSA, kif definita fil-Viżjoni tagħha għall-2021, hi li ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha bħala awtorità superviżorja indipendenti, proattiva u afidabbli bl-għan ewlieni li tissalvagwardja l-integrità tas-swieq, u tħares l-istabilità tas-settur finazjarju għall-benefiċċju u l-protezzjoni tal-konsumatur. L-MFSA tilliċenzja aktar minn 2,300 fis-settur tas-servizzi finanzjarji, li jifforma 11% tal-Prodott Domestiku Gross ta' Malta.

Triq l-Imdina, Zone 1 Central Business District, Birkirkara CBD 1010
+356 2144 1155

communications@mfsa.mt
www.mfsa.mt